# IL-HOLMA SSIR REALTA'.

Dik is-sena Santa Klaws ircieva hafna ittri minghand it-tfal bil-wisq aktar mis-snin ta' qabel. Kull ittra kien jaqraha u jnizzel ix-xewqa ta' kull tifel u tifla fuq il-ktieb tieghu. Kollox kien lest biex matul lejliet il-Milied jqassam ir-rigali lit-tfal li talbuh.

Imma wiccu kien juri dubju jekk kienx ser jilhaq iqassam ix-xoghol kollu ; ma ried ihalli lil hadd barra. "Ma ninfaxxawx rasna qabel naqsumha," qal



bejnu u bejn ruhu biex jikkalma ftit.

Rama' il-karru u mieghu rabat ghoxrin cerva. Zejnu bil-qniepen tal-fidda kull wahda idoqq nota differenti biex ma' kull caqlieqa jew dawra stretta l- qniepen kollha jibdew idoqqu noti sbieh u armonjuzi.
Ic-criev kienu b'sahhithom u grew b'heffa liema bhala, tant li Santa Klaws issa kien konvint li kien ser ilahhaq iqassam ir-rigali kollha. Kien jieqaf u

jitfa’ ir-rigali mic-cumnija biex bla telf ta’ zmien jerga’ jkomplu trieqtu jqassam rigali u rigali. Il-kesha kienet ghoddha kissritu u ma felahx jkompli jqassam l-ahhar ftit rigali, izda bi ftit sforzi ohra ried jaghmel hiltu biex ma jonqos lil hadd.

Meta qorob lejn l-ahhar dar li taghha kellu l-indirizz miktub fuq r-registru beda’ jhoss rasu ddur bih. Kif jista’ jkun li Santa Klaws qatt jinsa’ lil xi hadd? Din haga li qatt ma grat fl-istorja ta’ Santa Klaws.

Sab li l-ixkora kienet vojta; ma riedx jemmen lil ghajnejh; din qatt ma gratlu u biex ikun zgur qaleb l-ixkora rasha ‘l isfel. X’sejjer jaghmel? Ic-criev kienu bla sabar biex jergghu lura lejn l- istallel taghhom biex jishnu u jieklu. F’daqqa wahda gieh hsieb.
Sab l-akbar u l-isbah qampiena tal-fidda li kienu jzejnu l-karru u gibidha bil-hlewwa wara li razzan lilu niffsu mir-rabja li hakmitu. Imbaghad hareg ir-registru, qatta’ folja minnu u kiteb hekk: “ Ghaziz Tonio, jiddispjacini nghidlek li r-rigal tieghek x’aktarx waqghali waqt il-vajgg twil tieghi, izda jiena ma rridtekx tkun qalbek sewda f’dan il-jum li tant igib ferh lit-tfal u anke lill- kbar. Biex inpattilek ghal dak in-nuqqas tieghi qed inhallilek din il-qampiena tal-fidda magika. Zgur li ma jiddispjacikx. Ghoddni tieghek, Santa Klaws.”

Meta l-ghada filghodu sab din il-qampiena flok ir-rigal li talab, Tonio ghamel il-geddum. “ Issa jiena x’ser naqbad naghmel b’din il-qampiena? Noqghod indoqqha? Jien mhux kaxxa ghodda ta’ l-arkett tlabtu?” U dak il-hin stess minghajr ma kien jaf x’qed jaghmel beda’ jdoqqha bil-mod halli jara x’noti ssemma”.

B’ghageb kbir tieghu, ma’ kull nota beda niezel xrar tal-fidda jleqq li meta kien jaqa’ fl-art kien jifforma ittra. Fl-ahhar meta ix-xrar waqaf u l-ittra kollha iffurmaw ruhhom, Tonio kellu jkun xhud ta’ haga li ma riedx jemmen lil ghajnejh. Dawn l-ittri bdew iddur u jduru sakemm fl-ahhar iffurmaw dawn il-kliem: “ Tonio semmi liema xewqa trid u tkun mismugh.

Aghzel bil-ghaqal ghax darba biss nista' naqtaghlek xewqtek. Mela attent. Dan ikun ir-rigal tieghi ghalik tal- Milied."

Kien ser ilissen biex ikollu dak ir-rigal li kiteb lil Santa Klaws izda gidem ilsienu u qaghad jahseb bil-ghaqal. Ried juza l-ghaqal tieghu biex ma jahlix fix-xejn ix-xewqa. Iva issa ddecieda. Ried li missieru jkun id-dar ghal dejjem. Xeba' jara lit-tfal shabu akkumpanjati mill-genituri taghhom u huwa kellu biss lil ommu. Mhux ghax ommu kienet tonqsu, anzi li kienet tista', kienet iggiblu l- ilma jizfen! Imma familja hekk ghandha tkun, wahda kompleta, il-missier, l-omm u l-ulied.

Missieru kien halla lil ommu meta huwa kellu biss sentejn. Ma riedx joqghod aktar ma' martu ghax kienet twiddbu biex ma jkomplix fit-triq tal-vizzju tal-loghob li minhabba fih kien qed jirvina l-familja. U ghalhekk harab mid-dar bla kliem u sliem. Ghalkemm martu ghamlet li setghet biex issibu qatt ma irnexxilha ghax zewgha kien jimxi minn belt ghal ohra jilghab, jirbah u jitlef.

"Tonio," ghajtet ommu' " Qum ghax sar il-hin u llum ghandek is-servizz tal-Milied mal- kappillan."

Tonio qam jigri u nduna li dik kienet holma imma fl-istess hin ix-xewqa kbira tieghu.

Wara s-servizz il-kappillan sejjah lil Tonio u qallu li dak ir-ragel li kien qieghed bilqieghda hdejn l- istatwa ta' San Guzepp xtaqu jaqdih u jekk kien lest li jaghmel hekk kellu ghaxar ewro lesti ghalih.

Ir-ragel talbu biex jiehu ittra fl-indirizz li kellu miktub fuq l-envelops ghax il-posta dak in-nhar ma kienitx tahdem. Hareg il-kartiera u tah ghaxar ewro. Kbir kien l-ghageb ta' Tonio meta l-indirizz kien dak fejn joqghod ma' ommu. "Tant l-ahjar ghax jasal zgur, " qallu is-Sinjur.
Meta wasal id-dar taha l-ittra lil ommu. "Kemm-il darba nghidlek biex ma

tkellimx lin-nies li ma tafhomx?”

“Ma, kien il-kappillan li qalli biex naqdih. Il-kappillan kien jaf li dak ir-ragel kien ta’ min jafdah.”

Meta fethet l-ittra kbir kien l-ghageb taghha. Kien zewgha li talabha mahfra u wrieha li xtaq jerga’ jinghaqad maghha u ma’ ibnu. Jekk hija kienet lesta li tilqghu kienet boghod biss telefonata. Marret hdejn it-tavolin li kien hdejn il-bieb ta’ barra, qabdet ic-cellulari u ghafset in-numri. Malli semghet il-vuci ta’ zewgha qaltu, “ Iva, ejja minghajr dewmin. Fejn qieghed?”

“Wara s-sigra ta’ quddiem id-dar.”

Fethet il-bieb u x’hin ratu mohbi warajha, b’rasu biss tidher griet biex tilqghu. Tghannqu u dahlu d-dar. Tonio baqa’ imbellah b’dak li kien qed isehh quddiemu. Ommu spejgatlu dak kollu li kien gara u li kien qed jigri. Imbaghad Tonio ghannaq il-missieru u ksielu wiccu bil-bews. Issa Tonio ghandu missier bhat-tfal l-ohra.